**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 22 ta' Dicembru 2016**

Numru: 12

**Rikors Nru. 1120/2016**

**Avv. Dott. Paul Micallef Grimaud**
**bhala mandatarju specjali tas-socjeta estera**
**Caterpillar Financial Services Netherlands B.V.,**
**socjeta inkorporata u registrata taht il-ligijiet tal-Olanda**
**bin-numru tar-registru 34185458 b'ufficcji gewwa**
**Rondebeltweg 41, 1329 BP Almere, l-Olanda**

**vs**

**Il-Bastiment m.v. "ABIS DUNKERQUE" (IMO No. 9671448)**
**registrat l-Olanda, b'brand mark 23841 Z 2014**
**b'tunnellagg gross ta' 5,460t**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta rikorrenti tad-9 ta' Dicembru 2016 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta rikorrenti hija kreditrici tal-bastiment intimat fl-ammont kristalizzat ta' disa' miljuni, disa' mija u erbghin elf mija u sebgha u sittin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (EUR9,940,167.29), rapprezentanti l-kapital u l-imghax sad-29 ta' Novembru 2016, salvi imghaxijiet ulterjuri fuq il-kapital, penali u spejjez sal-pagament effettiv;

2. Illi dan id-dritt ta' kreditu huwa kkawtelat permezz ta' ipoteka navali, ossija "first priority right of mortgage" datata 28 ta' Mejju 2014, registrata fir-registru tal-bastiment intimat fil-Cadastre, Land Registry and Mapping Agency (Register of

Ships) fl-Olanda favur is-socjeta rikorrenti maghmula in segwitu u in konnessjoni ma' kuntratt ta' self datat 29 ta' Mejju 2014 bejn is-socjeta rikorrenti u s-socjeta B.V. Beheer MS ABIS Dunkerque, socjeta inkorporata u registrata taht il-ligijiet tal-Olanda bin-numru tar-registru 54135192 b'ufficcji gewwa Nieuwe Vissershaven 5, 8861 NX, Harlingen, l-Olanda, u l-limited partnership C.V. MS ABIS Dunkerque, limited partnership inkorporata u registrata taht l-ligijiet tla-Olanda bin-numru tar-registru 54140307 b'ufficcji gewwa Nieuwe Vissershaven 5, 8861NX, Harlingen l-Olanda, kif sussegwentement emendat u mgedded u Restructuring Letter datat 29 ta' Lulju 2016;

3. Illi dawn l-entitajiet debituri naqsu li jaghmlu l-pagamenti kollha dovuti kif obbligati li jaghmlu u ma osservawx il-kundizzjonijiet u pattijiet kollha assunti taht il-fuq imsemmija kuntratti u ghalhekk jezisti default taht l-istess kuntratt ta' self;

4. Illi b'ittra, ossija Notice of Default and Acceleration Notice mibghuta lill-entitajiet debituri fil-21 ta' Ottubru 2016, is-sidien tal-bastiment intimat gew notifikati illi kien hemm "default" taht il-kuntratti hawn fuq imsemmija billi kienu inadempjenti u dan wara li l-istess sidien kienu talbu u nghataw "postponements" ta' pagamenti fir-Restructuring Letter hawn fuq imsemmija u r-rikorrenti talbu l-hlas tal-kreditu kollu dovut. Minkejja dan, l-istess sidien baqghu inadempjenti;

5. Illi peress li dan l-ammont baqa' dovut is-socjeta esponenti pprocediet billi kkawtelat il-kreditu taghha bil-hrug ta' Mandat ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Bahar il-fuq minn ghaxar metri (Kawtelatorju) numru 1763/2016 kontra l-bastiment intimat u l-kopja tieghu qed tigi hawn annessa (Dok. A);

6. Illi b'ittra ufficjali (ossija ittra ufficjali numru 3887/2016) li giet prezentata fid-29 ta' Novembru 2016 u notifikata fl-istess gurnata (Dok. B) is-socjeta rikorrenti interpellat lill-bastiment intimat sabiex ihallas l-ammont dovut hawn fuq imsemmi ta' disa' miljuni, disa' mija u erbghin elf mija u sebgha u sittin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (EUR9,940,167.29), izda sallum ma sar l-ebda pagament;

7. IIIi, minbarra dan l-ammont li gia gie kristalizzat permezz tal-imsemmija ittra ufficjali, is-socjeta rikorrenti inkorriet diversi spejjez in konnessjoni u sabiex tippreserva d-drittijiet taghha naxxenti mill-ipoteka navali. Ma' dan l-ammont ghandhom jinghaddu l-imghaxijiet fuq il-kapital li ghadhom qed jiddekorru;

8. Illi skont il-ligi u permezz tal-ittra ufficjali hawn fuq indikata, l-ipoteka navali, ossija first priority right of mortgage li giet iskritta fir-registru tal-bastiment intimat in kawtela tal-kreditu tas-socjeta esponenti giet reza titolu ezekuttiv a tenur tal-artikolu 42(2) tal-Kap. 234;

9. IIli fic-cirkostanzi s-socjeta rikorrenti ghandha interess li tenforza t-titolu ezekuttiv li ottjeniet billi tipprocedi ghall-bejgh tal-bastiment intimat, li ghandu jigi approvat minn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikoli 358 et. seq. tal-Kap. 12;

10. Illi skont l-artikolu 358 tal-Kap. 12, dina l-Qorti ghandha s-setgha, fuq talba ta' kreditur li ghandu titolu ezekuttiv, tapprova l-bejgh privat tal-bastimenti favur xerrej identifikat u versu l-hlas ta' prezz determinat;

11. Illi a tenur tal-artikolu 359 tal-Kap. 12, is-socjeta rikorrenti qieghda tannetti ma' dan ir-rikors zewg stimi kif rikjest mill-ligi, wahda maghmula mill-Inginier Paul Cardona li jaghti stima ta' bejn disa' miljuni u seba' mitt elf ewro (EUR9,700,000) sa ghaxar miljun ewro (EUR10,000,000) (kopja annessa bhala Dok. C) u l-ohra maghmula mill-lnginier Sergey Kuzmenko li jaghti stima tal-bastimenti intimati fis-somma ta' disa' miljuni u sebgha mitt elf ewro (EUR9,700,000) sa disa' miljuni u disa' mitt elf ewro (EUR9,900.000) (kopja annessa bhala Dok. D);

12. Illi s-socjeta rikorrenti ghandha offerta ghall-akkwist tal-imsemmi bastimenti intimat minghand is-socjeta estera Eemslist Dafne B.V. versu I-prezz ta' disa' miljuni u disa' mitt elf ewro kif jirrizulta minn Memorandum of Agreement datat 8 ta' Dicembru 2016 li kopja tieghu qed tigi hawn annessa (Dok. E);

13. Illi l-offerta in kwistjoni hija in konformita mal-istimi prodotti u hija l-oghla offerta li rnexxielha tikseb mis-suq f'mument xejn felici ghal dan is-suq, kif jirrizulta mis-surveys;

14. Illi ai termini tal-artikolu 360 tal-Kap. 12, qed jigi dikjarat li ebda persuna ohra ma avvanzat proceduri fil-konfront tal-bastiment intimat. L-unika persuna li jista' jkollha xi interess fil-proceduri odjerni hija l-avukat Dr Larry Gauci f'isem bunker suppliers u dan qed jigi mgharraf bil-proceduri odjerni;

Ghaldaqstant is-socjeta rikorrenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

i. Tapprova l-bejgh privat tal-bastiment intimat "m.v. ABIS DUNKERQUE" a favur tas-socjeta estera Eemslift Dafne B.V. u dan versu l-prezz ta' disa' miljuni u disa' mitt elf ewro (EUR9,900,000) u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet tal-Memorandum of Agreement tat-8 ta' Dicembru 2016 u/jew taht kwalunkwe patt u kundizzjoni ohra li jidhrilha xieraq dina l-Onorabbli Qorti u dan a tenur tal-artikolu 358 tal-Kap. 12;

ii. Tahtar a tenur tal-artikolu 362 tal-Kap. 12 lill-Avukat Dr David Gonzi jew fin-nuqqas tahtar persuna ohra li jkun awtorizzat jittrasferixxi l-bastiment intimat skont l-irnsemmija pattijiet u kundizzjonijiet tal-Memorandum of Agreement datat 8 ta' Dicembru 2016 u/jew taht kull patt u kundizzjoni opportuna li jidhrilha xieraq dina l-Qorti, bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati fil-ligi inkluz l-artikolu 364 tal-Kap. 12;

iii. Taghti kull provvediment iehor opportun skont ic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi dan ir-rikors gie debitament notifikat lil bastiment intimat u lir-rapprezentant legali tal-bunker suppliers.

Rat li ma saret ebda oppozizzjoni;

Rat li r-rikors thalla ghad-digriet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi dan hu rikors maghmul taht l-artikolu 358 tal-Kapitolu 12 li jaghti jedd lil Qorti li wara rikors tal-kreditur li ghandu titolu ezekuttiv tapprova l-bejgh privat ta’ vapur favur xerrej identifikat bi hlas ta’ prezz determinat.

L-ewwel element li jrid jigi sodisfatt ghalhekk hu l-kreditu u li fuq dan il-kreditu l-kreditur jgawdi titolu ezekuttiv.

Is-socjeta rikorrenti ghandha kreditu naxxenti minn kuntratt ta’ self dovut mis-socjeta B.V. Beheer MS ABIS Dunkerque u l-limited partnership C.V. MS ABIS Dunkerque kawtelat permezz ta' ipoteka navali ossija first priority right of mortgage registrata fir-registru tal-bastiment intimat fil-Cadastre, Land Registry and Mapping Agency (Register of Ships) fl-Olanda kif sussegwentament emendat u mgedded u Restructuring Letter datat 29 ta’ Lulju 2016.

L-entitajiet debituri naqsu li jaghmlu l-pagamenti u ghalhekk kienu responsabbli ghal default skond l-imsemmi kuntratti u fl-21 ta’ Ottubru 2016 l-entitajiet debitrici gew notifikati bid-default.

B’ittra ufficjali tad-29 ta’ Novembru 2016 notifikata lil bastiment intimat, is-socjeta rikorrenti interpellat lil bastiment intimat biex tithallas l-ammont dovut izda baqghet inadempjenti. Din l-ittra ufficjali saret ukoll a tenur tal-artikoli 358 et seq. tal-Kap. 12 u l-artikolu 42 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn il-kreditur biex isegwi l-procedura odjerna skond l-artikolu 358 tal-Kap. 12 irid jispecifika s-somma dovuta permezz ta’ ittra ufficjali notifikata lid-debitur ipotekarju sabiex jigi determinat l-ammont cert, likwidu u dovut in konnessjoni ma’ esekuzzjoni ta’ ipoteka navali.

Peress illi ipoteka navali ossija first priority right of mortgage hi titolu ezekuttiv ai termini tal-artikolu 42(2) tal-Kap. 234, jidher ippruvat mid-dokumenti u intimazzjonijiet li saru illi s-socjeta rikorrenti ghandha kreditu li fuqu jgawdi titolu ezekuttiv ai termini tal-artikolu 253 et seq. tal-Kap. 12 u li bl-ittra ufficjali fuq imsemmija rrenda t-titolu ezegwibbli.

Is-socjeta rikorrenti qed titlob li tigi awtorizzata tbiegh il-vapur ABIS DUNKERQUE proprjeta tas-socjeta debitrici B.V. Beheer MS ABIS Dunkerque u l-limited partnership C.V. MS ABIS Dunkerque b'mod privat cioe mhux b'subbasta tal-Qorti. Ghal dan il-ghan hu esebixxa fl-atti zewg stimi indipendenti tal-valur cioe tal-Inginier Paul Cardona u l-Inginier Sergey Kuzmenko; u offerta tas-socjeta Eemslift Dafne B.V. u dan kif jitlob l-artikolu 359 tal-Kapitolu 12. L-ewwel stima hi ta' bejn disa' miljuni u seba' mitt elf ewro (€9,700,000) sa ghaxar miljun ewro (€10,000,000); it-tieni stima hi ta' bejn disa' miljuni u seba' mitt elf ewro (€9,700,000) sa disa' miljuni u disa' mitt elf ewro (€9,900.000);

Is-socjeta rikorrenti qed titlob li jsir il-bejgh tal-vapur lis-socjeta estera Eemslift Dafne B.V. bil-valur ta' €9,900,000 skont Memorandum of Agreement tat-8 ta' Dicembru 2016. Din l-offerta hi entro il-limiti tal-istimi indipendenti. Il-Qorti tqis li l-offerta hi vantagguza fic-cirkostanzi prezenti xejn felici ghal dan is-suq kif jirrizulta mis-survey tal-inginier Cardona.

Il-Qorti ma ssibx raguni ghalfejn dan il-bejgh ma ghandhux isir fit-termini tal-Memorandum of Agreement kif hu esebit fl-atti.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta rikorrenti u tordna l-bejgh privat tal-bastiment m.v. ABIS DUNKERQUE lis-socjeta estera Eemslift Dafne B.V. u dan versu l-prezz ta' disa' miljuni u disa' mitt elf ewro (€9,900,000) u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet tal-Memorandum of Agreement tat-8 ta' Dicembru 2016, li hu esebit fl-atti liema bejgh ghandu jaghti lix-xerrej titolu mhux aggravat minn kull privilegg jew piz ai termini tal-artikolu 364 tal-Kap. 12.

Ghal fini tat-tieni talba tahtar lil avukat Dr David Gonzi sabiex ai termini tal-artikolu 362 tal-Kap. 12 ikun intitolat jitrasferixxi l-vapur skond il-kondizzjonijiet fuq imsemmija fil-Memorandum of Agreement tat-8 ta' Dicembru 2016 bhallikieku kien is-

sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati senjatament dawk tal-artikolu 364 tal-Kap. 12.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur